MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1959/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**George Sammut**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm925.00) rapprezentanti import ta' sitt kambjali, tnejn ta' hamsa u sittin lira (Lm65) il-wahda, wahda ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) u tlieta ta' hamsa u sittin lira (Lm65) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April, 2003 sa Settembru, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 6 konsekuttivament u inklussivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 ta' Settembru, 2003 jammontaw ghal erbgha u**

**ghoxrin lira Maltija (Lm24.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fit-18 ta' Novembru, 2003, li biha stante pagament fil-mori tal-kawza ta' erbgha u sebghin lira (Lm74) akont tas-sorte, tirriduci s-sorte bl-istess ammont ta' erbgha u sebghin lira (Lm74) u zzomm ferm ghall-bilanc tas-sorte ghal tmien mija u wiehed u hamsin lira (Lm851) u bl-imghax kif mitlub fl-avviz u l-ispejjez.**

**Ra n-nota tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Novembru, 2003 li biha ammetta t-talbiet attrici kif ridotti.**

**Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-Tribunal qed jilqa t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin lira (Lm851), bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 ta' Settembru, 2003 jammontaw ghal erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm24.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------